KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 30/7/194/17

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

SEBGĦA LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 30

*L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċini amministrattivi tiegħu, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar **l-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017**. Il-laqgħa bdiet fil-5.35pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima-*Sindku* |
| | Roderick Spiteri-*Kunsillier* |
| | Bernard Sean Lynch-*Kunsillier* |
| | Tyrone Muscat-*Kunsillier* |
| | Ivan Bartolo-*Kunsillier* |
| **Assenti b'apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Steven Axisa-*Viċi Sindku* |
| | Nicholas Seychell-*Kunsillier* |
| **Assenti:** | |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

## 1. Qari tal-ittri ta' apoloġija

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi kien irċieva ittri ta' apoloġija mingħand il-Viċi Sindku Steven Axisa u l-Kunsillier Nicholas Seychell marbuta ma' raġunijiet personali. Il-membri qablu li huma ikun skużati.

## 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1. Il-Minuti nr.28 u nr. 29 ġew approvati *nem com.*

2.2. Dwar punt 2.3 il-Kunsillier Lynch qal li wasalna fl-aħħar fażi sabiex il-camera ta' skyline tibda topera mill-pjazza. Qal ukoll li kompla għaddej bil-ħidma marbuta ma Jum Paola.

## 3. Korrispondenza

3.1. Ittra bl-avukat f'isem l-istabbilimenti ta' *Main Street* indirizzata lil Kunsill Konsultattiv kif ukoll lis-Sindku marbuta man-nuqqasijiet fil-proġett tal-Pjazza. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li filwaqt li jifhem il-ħsibijiet mnissla fl-ittra però fakkar illi l-proġett mhux fir-responsabiltà tal-Kunsill Lokali Paola hekk kif qed jitmexxa mill-Kunsill Konsultattiv għan-nofsinhar ta' Malta u ffinanzjat mill-Gvern Ċentrali. Il-membri qablu li għandna tintbagħat ittra legali li tirrispondi għal dan. Is-Sindku żied illi huwa ilhu jara bosta nuqqasijiet fl-immaniġġjar tal-proġett umbagħad jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill Konsultattiv. Sfortunatament żied li qed tingħata ftit attenzjoni għal dawn in-nuqqasijiet u ser jara li fil-ġranet li ġejjin jiltaqa' mal-Onorevoli Silvio Parnis dwar dan kollu.

## 4. *Risposta tal-Ittra ta' Direzzjoni (Management Letter)*

4.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta ir-risposta tal-Ittra ta' Direzzjoni (*Management Letter*) tal-Kunsill Lokali li ttemm il-proċess tal-Awditjar tas-sena finanzjarja 2016. Il-membri iddiskutew ir-risposta u approvaw il-punti mnissla.

## 5. Sejħiet għall-Offerti

5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi sargħet l-evalwazzjoni tat-tender tal-Accountant kif ukoll tal-ironmongery u ġie preparat ir-rapport ta' evalwazzjoni u ġie ppreżentat lil membri. Il-membri qablu mar-rakkomandazzjoni tal-bord ta' evalwazzjoni u qablu li jagħtu l-offerta ta' Ironmongery lil Domlite Ironmongery u dak ta' Servizzi ta' Accountant lil Robert Borg and Associates Ltd.

## 6. Komunikazzjoni mis-Sindku

6.1. Is-Sindku qal li ser jiġu organizzati żewġ attivitajiet oħra li ser ikunu BBQ fit-12 ta' Awwissu kif ukoll ħarġa għal-Għawdex (*Gozo by night*) f'Settembru. Is-Sindku fakkar li dawn l-attivitajiet ser jibqaw isiru b'risq il-Malta Community Chest Fund. Il-membri qablu.

## 7. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

7.1. Il-Kunsillier Roderick Spiteri staqsa lis-Sindku dwar xi ritratti li kien ra fuq facebook marbuta mal-proġett tal-bandli fi Triq San Alwiġi. Is-Sindku qal li dawk kienu biss ideat liema ideat ser jiġu diskussa mal-Perit sabiex umbagħad jiġu mressaq fil-Kunsill Lokali. Il-Kunsillier Spiteri offra li jkun involut fuq dan ix-xogħol.

7.2. Il-Kunsillier Ivan Bartolo xtaq jistaqsi dwar il-possibilità li titneħħa il-funtana fi Pjazza St. Ubaldeska speċjalment minħabba l-fatt illi mhux qed taħdem. Il-Kunsillier Spiteri issuġerixxu li l-Kunsill għandu jara li joħroġ sejħa sabiex ikun hawn sorveljanza aħjar tal-funtani li hawn fil-lokalita. Is-Sindku filwaqt li qabel ma din il-proposta qal li l-ewwel għandna ssir analiżi tas-sitwazzjoni preżenti fejn naraw liem minnhom qed jaħdmu u x-xogħol li hemm bżonn isir.

## 8. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

8.1. Dwar pagament numru 80 is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien sar ir-Risk Assessment li ser jitħallas b'dan il-pagament. Kompla li dan ir-rapport jelenka diversi nuqqasijiet li qed naħdmu fuqhom fosthom li isir ukoll rapport marbut ma' każijiet ta' ħruq. Il-membri qablu li jitkompla dan il-proċess sabiex ikun kollox konformi u l-bini jkun attrezzat bl-aqwa mod.

8.2. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 28 għas-somma ta' € 89,241.94

## 9. <u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss</u>

9.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-6:20pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 18 ta' Lulju 2017.

Konfermati, illum Tlieta 18 ta' Lulju 2017.

**IFFIRMATA**

Kurt Scerri
Segretarju Eżekuttiv

**IFFIRMATA**

Dominic Grima
Sindku